Wild Mifxul

Lino Spiteri

(mill-ktieb "Mal-Ħmura tas-Silla", PEG 1993)

L-inbix tat-tfal sħabu daħħlu iżjed f'qoxortu. Iżjed 'il ġewwa fid-dinja ta' ma jafx kif, ma jifhimx għala. Il-ftit snin ta' ħajtu qishom kienu mimlija mistoqsijiet mingħajr tweġiba, mimlija ħjiel ta' biża'.

Ma kienx jifhem għaliex, waqt tvenvin qawwi barra għalkemm riħ m'hemmx, ommu trossu magħha fl-umditàta' għar taħt l-art, tgedwed ġo talb, u taqbeż imwerwra ma' xi tfaqqigħa ddamdam fil-bogħod. Wara fehem li l-attakki mill-ajru mhux lil ommu biss kienu jbeżżgħu. Kull min deher li fehem x'kienu, beża' u baqa' mbeżża'. Hu fehem xi ħaġa iżjed meta missieru ġie lura fil-gżira mill-gwerra: raġel li ma jiftakrux, raġel li mhux raġel għalkollox.

Meta fl-għar ma niżlux iktar u tfaqqigħ tal-waħx ma baqax jisma', ma setax jifhem kif fil-festa tar-raħal, xħin jispiċċa l-ġigġifogu fil-wied, mill-għelieqi jibdew jinbeżqu ħsejjes li jintemmu fi tfaqqigħ fis-sema iżjed qrib u qawwi milli kien jisma' fl-għar. Iżda bħalissa mhumiex jgħidu li hawn gwerra, kien iħammem; mela għalfejn dat-tfaqqigħ, saħansitra l-art iriegħed? Mela m'għadhomx jibżgħu?

Inqas u inqas fehem għaliex missieru kien jiġbor flus fil-każin tal-banda u fil-ħwienet tax-xorb, iżda flok jeħodhom id-dar, imur bihom f'kamra f'għalqa barra r-raħal fejn xi rġiel kienu, jekk fehem lil missieru sewwa, jaħdmu n-nar biex jinħaraq u jiġi xejn, u l-flus jagħtihom lil dawk in-nies għalhekk.

Mill-qoxra tiegħu ftit li xejn kien jixref. Iżda moħħu ma kellux sabar: il-ħin kollu jterraq, jistaqsi, għalkemm aktarx bla ma jieħu tweġiba.

Qatt ma ħa tweġiba, ngħidu aħna, għaliex ommu tatu isem li mit-tfal l-oħra l-iskola ħadd ma kellu, għalkemm sar jaf li xi trabi dan l-aħħar ingħataw bħalu. Ħafna għajbuh b'ismu u wieħed darba għajru xi ħaġa bla sens: qallu li għandu zija taf kollox u taf li ommu, għax ħakket għajnha ma' sinjura Tas-Sliema, mingħaliha hi wkoll tal-pepè, għalhekk semmietu hekk.

It-Tieni Sena

Illum iżda, minkejja li mgerbeb ġo qoxortu, kellu mistennija kbira fih. Is-Sir kien qalilhom xi ġimagħtejn qabel li ħierġa gazzetta għat-tfal u stieden biex min irid jixtriha, imur jgħidlu wara li tintemm il-klassi.

L-aħbar qanqlitu. Minn missieru tgħallem ħafna ħwejjeġ li m'għoġbuhx, iżda xi oħrajn li għoġbuh tgħallem ukoll. Missieru kien jgħidlu li, jekk irid jimxi, irid jimla moħħu. Li moħħu jimlieh sewwa jekk jaf x'qiegħed jiġri madwaru; fuq kollox, jekk jaqra. Kien jgħidlu li fil-gwerra mill-Ingliżi ma ħa xejn ħlief bombi, għarqa u marda, għax il-pensjoni li ħarġulu wara, loqma kienet; bilkemm biżżejjed biex huma jitrejqu. Iżda mill-Ingliżi, kien ikompli jgħidlu tgħallimt is-siwi tal-qari: il-qari jagħmlu l-bniedem: aqra!

U hu kien jaqra kulma jsib, l-iktar il-gazzetta għand il-parrukkier jew il-każin tal-banda fil-kamra tal-biljard. Ġieli qagħad jaqra l-aħbarijiet jew xi artiklu għall-irġiel li riedu jafu x'inhu għaddej iżda *a* minn *b* ma jagħrfux u għalhekk jitolbu lilu jaqralhom.

Il-gazzetta li semma s-Sir, għal daqshekk, imlietu ferħ. Kienet se tkun xi ħaġa ġdida; fuq kollox, xi ħaġa għat-tfal, aħjar mill-gazzetta ta' kuljum li mhux kollha jifhimha. U issa kien wasal il-jum li l-gazzetta ġdida toħroġ.

Xħin spiċċat l-iskola filgħodu, is-Sir sejjaħlu u tah il-gazzetta. Qabadha qisha tal-ħġieġ, ma jridhiex taħrablu minn idejh. Mhux għax biex ħareġ iż-żewġ soldi li swiet kien qagħad ifaddal is-sitt ħabbiet li tagħtih ommu kultant għall-ħelu. Iżda għax din kienet l-ewwel gazzetta tat-tfal li qatt ra, l-ewwel waħda li ħarġet Malta, hekk qallu s-Sir.

Ħareġ barra mill-iskola jgħaġġel. Ġibed bħal dejjem lejn taħt il-ħajt kemm seta' biex ma jkunx fit-triq geġwiġija tat-tfal oħra. Billi ma kellux sabar jistenna, beda jaqra hu u miexi.

Ma laħaqx mexa wisq. Il-gazzetta taret minn idejh f'salt. Għolla wiċċu maħsud: sab tlett itfal mill-klassi tiegħu jħarsu fissi lejh, bejn żorri u bejn jiddieħku.

"X'taħseb li int, miexi u taparsi taqra!"

It-Tieni Sena

“Qisekx xi avukat!”

“Sewwa tgħid ziti, ommok kiesħa u inti bħalha!”

It-tifel li kien ħataflu l-gazzetta minn idejh, rambilha ballun u għollieha.

Bħal kelb irrabjat qabeż ’il barra minn qoxortu lejn dak it-tifel. B’daqqa ta’ sieq kemm kellu saħħa fil-qasba ta’ siequ niżżlu għaxi mal-art.

Dar bl-istess herra lejn it-tnejn l-oħra li kienu baqgħu ċċassati lejh, iżda issa ħarbu jiġru.

Ġabar jgħaġġel il-gazzetta mgħaffġa u beda jiftaħħa, waqt li ħares mimli qilla lejn it-tifel jokrob bl-uġiġħ.

Il-qilla ntfiet minn għajnejh. Dar u kompla fi triqtu, ma’ kull pass iħossu jrid jidħol lura f’qoxortu, iżda ma’ kull pass ukoll jgħid le, le, hemm ħwejjeġ aħjar ’il quddiem lejn xiex nersaq jekk nifhem; jekk nitgħallem. Jekk ma nibżax …